# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 2021**

**Rikors Numru 422/14 FDP**

Fl-ismijiet

**Nazzareno Gauci (ID 1013544M), Rita Sansone (ID 310855M), Salvina Debono (ID 437453M), Carmela sive Carmena Gauci (ID 191146M), Catherine Azzopardi (ID 359947M) u Mary Baldacchino (ID 923648M)**

**Vs.**

**Francis Gauci (ID 620857M), Antonia Gauci (ID 767850M) u Josephine Gauci (ID 687143M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 16 ta' Mejju 2014, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

    1. *ILLI l-kontendenti huma ulied il-mejtin Salvatore u Giuseppa, konjuġi Gauci, li mietu fit-3 ta' Mejju 1967 u fl-1 ta' Frar 1996 rispettivament;*

    2. *ILLI Salvatore Gauci miet intestat, filwaqt illi Giuseppa Gauci ddisponiet mill-assi partikolari tagħha bis-saħħa ta' testament tal-24 ta' Frar 1986, fl-atti tan-Nutar Dottor Nicola Said (DOK: C), u bis-saħħa ta' testment ieħor tat-23 ta' Settembru 1993 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Lia (DOK: D);*

3. *ILLI, fid-data tal-mewt tiegħu, il-missier Salvatore Gauci kien jippossjedi diversi għelieqi b'titolu ta' qbiela, fosthom l-għalqa bagħli tal-kejl ta' erbat itmiem imsejħa "Il-Barumbara", fi Qrendi Road, Żurrieq, u l-għalqa tal-kejl ta' tomnejn, siegħ u tlett kejliet, msejħa "Tal-Ġlud" ossija "Tal- Wilġa", fil-limiti taż-Żurrieq, liema għelieqi, madanakollu, kienu ġew trasferiti mill-omm Giuseppa Gauci, favur il-konvenut Francis Gauci, permezz ta' skrittura tat-23 ta' Settembru 1993 wara l-mewt ta' Salvatore Gauci.*

4. *ILLI, madanakollu, kif jirriżulta mid-denunzja relattiva ppreżentata wara l-mewt ta' Salvatore Gauci (DOK: E), huwa kien ukoll, fil-ġurnata tal-mewt tiegħu, jippossjedi b'titolu ta' proprjeta' flimkien ma' martu, bħala formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejniethom, l-għalqa msejħa "Tal-Bajjada" fil-kuntrada li ġġib l-istess isem fiż-Żurrieq, tal-kejl ta' ċirka elfejn, erba' mija u erbgħin punt sebgħa zero metri kwadri (2440.70m.k.), flimkien ma' żewġ fondi bin-numri 38 u 39, f'Rose Street, Żurrieq, kif ukoll porzjon minn dar iż-Żurrieq, apparti proprjeta' oħra illi ġia' inbiegħet lil terzi jew ġiet diviża bejn il-kontendenti;*

5. *ILLI, permezz ta' kuntratt tas-27 ta' Ottubru 1978, fl-atti tan-Nutar Dottor Nicola Said (DOK: F), il-kontendenti kienu qasmu u ddividew l-imsemmija għalqa "Tal-Bajjada" f'żewġ porzjonijiet separati, b'dan illi porzjon minnhom ġiet assenjata lill-omm Giuseppa Gauci u porzjon oħra ġiet assenjata lill-ulied, ossija lill-kontendenti,w liema porzjon għadha tappartjeni lil uħud mill-kontendenti, indiviżament bejniethom, sal-ġurnata ta' llum;*

6. *ILLI permezz ta' kuntratt tat-13 t'Awwissu 1992, fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja, d-dar, ossija "Mount Carmel" li kienet ġiet mibnija fuq porzjon mill-għalqa "Tal-Bajjada" li kienet ġiet assenjata lill-omm Giuseppa Gauci permezz tal-kuntratt hawn fuq imsemmi - ġiet mogħtija minnha, b'titolu ta' ċens perpetwu, lill-konvenuti Francis Gauci, Antonia Gauci u Josephine Gauci, filwaqt illi permezz ta' kuntratt ieħor tat-3 ta' Novembru 1992, fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja, l-omm Giuseppa Gauci tat ukoll, b'titolu ta' ċens perpetwu, lill-konvenut Francis Gauci, porzjon oħra ta' art tal-kejl ta' ċirka tlett mija u sitt metri kwadri (306m2) mill-istess għalqa "Tal-Bajjada" li kienet ukoll ġiet assejnata lilha permezz tal-kuntratt imsemmi;*

7. *ILLI, sussegwentement, u permezz ta' kuntratt tas-16 ta' Ottubru 1997 fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja (DOK: G), l-attriċi Carmena Gauci biegħet, assenjat u trasferiet, favur il-konvenut Francis Gauci, is-sehem tagħha ta' nona parti indiviża mill-art hawn fuq imsemmija ossija "Tal-Bajjada";*

8. *ILLI, kif jirriżulta mid-dikjarazzjoni causa mortis li ġiet magħmula wara l-mewt ta' Giuseppa Gauci (DOK: H), hija kienet ukoll, fil-ġurnata tal-mewt tagħha, tippossjedi minbarra sehem ta' nofs indiviż tal-fondi bin-numri 38 u 39, f'Rose Street, Żurrieq, hawn fuq imsemmija, sest indiviż tal-fond numru 127 fi Triq il-Kbira, Żurrieq, li wkoll għadu jappartjeni lill-kontendenti, indiviżament bejniethom, sal-ġurnata ta' llum;*

9. *ILLI l-atturi jew uħud minnhom eżegwew ukoll xi xogħlijiet ta' natura urġenti sabiex jippreservaw il-fondi 38 u 39, f'Rose Street, Żurrieq, fl-interess tal-kontendenti kollha.*

10. *ILLI l-atturi ma jridux jibqgħu aktar fi stat ta' komunjoni mal-konvenuti, iżda minkejja li l-konvenuti ġew interpellati sabiex jersqu għad-diviżjoni u qasma ta' dawn l-assi, huma baqgħu inadempjenti mingħajr ebda raġuni valida fil-Liġi;*

11. *ILLI għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet permessi, u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja w opportuna:*

I. *TORDNA l-likwidazzjoni u firmazzjoni, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, tal-beni formanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-imsemmija Salvatore u Giuseppa, konjuġi Gauci, kif ukoll ta' dawk formanti l-assijiet partikolari tagħhom, billi jiġu dikjarati u jikkonsistu fil-beni li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

II. *TORDNA li dawn il-beni hekk likwidati - wara li jiġu prelevati l-prelegati ordnati u t-trasferimenti magħmula minn Giuseppa Gauci, u wara li jittieħed kont, fost oħrajn, tat-trasferiment li sar mill-attriċi Carmena Gauci lill-konvenut Francis Gauci u tal-valur tax-xogħolijiet illi l-atturi jew uħud minnhom għandhom jitħallsu ossija jiġu kkumpensati għax-xogħolijiet ta' natura urġenti eżegwiti minnhom għall-preservazzjoni tal-fondi 38 u 39, f'Rose Street, Żurrieq, fl-interess tal-kontendenti kollha - jiġu diviżi, okkorendo bl-opera ta' l-istess periti nominandi, f'disgħa kwoti u porzjonijiet ugwali li jiġu assenjati bix-xorti, jew altrimenti waħda lil kull wieħed mill-kontendenti;*

III. *TINNOMINA Nutar għall-pubblikazzjoni tal-atti notarili neċessarji sabiex isseħħ din id-diviżjoni, liema Nutar għandu jippubblika dan l-att fil-ħin u lok li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti;*

IV. *TINNOMINA kuraturi sabiex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaċi fuq l-att diviżorju ndikat;*

V. *TORDNA, subordinatament u f'każ li jiġi ddikjarat illi l-imsemmija beni, jew liema minnhom, ma humiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti, l-bejgħ in liċitazzjoni, okkorendo bl-opera tal-istess periti nominandi għall-fini tal-istimi neċessarji, tal-proprjeta' immobbli hawn fuq imsemmija u/jew derivanti mill-wirt tal-ġenituri tal-kontendenti, u li konsegwentement il-prezz tal-bejgħ tal-istess proprjeta' immobbli jiġi diviż bejn il-kontendenti skond il-kwoti hawn fuq indikati.*

VI. *Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuti minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fl-4 ta' Ġunju 2014, l-intimati kollha laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

1. *Fl-ewwel lok jiġi rilevat li r-rikorrenti Nazzareno Gauci u Rita Sansone kienu ġia talbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex: "Tordna l-likwidazzjoni u firmazzjoni, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi, tant tal-beni formanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-imsemmija Salvatore u Giuseppa konjuġi Gauci, kif ukoll ta' dawk formanti l-assijiet partikolari tagħhom billi jiġu dikjarati li jikkonsistu fil-beni li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża" permezz ta' kawża fl-ismijiet Nazzareno Gauci et vs Francis Gauci et (Cit Nru 2596/96) liema kawża ma kenitx ġiet deċiża iżda minflok kienet ġiet ċeduta mill-istess atturi li għalhekk qabel ma jistgħu jipproċedu bil-kawża odjerna għandhom iħallsu l-ispejjeż kollha ta' l-esponenti riżultanti f'dik il-kawża;*

2. *Fit-tieni lok u għal kull buon fini qiegħed jiġi eċċepit ir-res judicata billi l-atturi kienu ġia pproċedew b'ċitazzjoni fl-ismijiet premessi sabiex jannullaw diversi kuntratti li kienu saru minn omm il-kontendenti fuq allegazzjoni li ma kenitx f'sensiha. Dik il-kawża ġiet deċiża fid-29 ta' Ottubru 2009 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Ċit. Nru 2480/1996) u l-atturi kienu għażlu ma jappellawx biex b'hekk il-kawżi għaddew in ġudikat. L-effetti ta' dik is-sentenza huma definittivi;*

3. *Fit-tielet lok u qabel xejn sta għall-atturi li jindikaw b'lista komprensiva dawk l-assi kollha li għadhom komuni bejniethom;*

4. *Illi l-esponenti jirrilevaw li l-uniċi assi komuni bejn il-partijiet huma s-segwenti:*

a. *il-fondi bin-numri 38 u 39 Rose Street Żurrieq (id-dħul ta' liema huwa min-numru 39). Antoinette Gauci għandha sehem 3 minn 9 minn dan il-fond;*

b. *porzjoni mill-għalqa msejħa tal-Bajjada tal-kejl ta' ċirka 1082 metru kwadru, u ta' din 1-għalqa Francis Gauci għandu sehem 4 minn 9. Jiġi rilevat in oltre illi Francis Gauci għandu proprjeta kontigwu ma' dan il-fond kif anke spjegaw l-atturi stess fir-rikors tagħhom;*

c. *Fir-rigward ta' l-art ta' Frankin, għalkemm ġia kien sar diviżjoni rriżulta li l-intimati ma ngħatawx is-sehem kollhu li kien ħaqqhom skond l-istess ftehim u għalhekk għandhom jiġu kompensati għal dan in-nuqqas (f'dan is-sens ġia hemm kawża fuq parti mid-diviżjoni fl-ismijiet inversi li jġib in-numru 9/14).*

5. *Illi għalhekk qiegħed jiġi rilevat li fil-konfront ta' l-intimati Antoinette Gauci u Francis Gauci il-propjetajiet 39 Rose Street Żurrieq u l-għalqa tal-Bajjada huma komodament diviżibbli u l-esponenti għandhom dritt li jingħataw sehemhom in materia u qegħdin jeżebixxu rapporti relattivi għal kif qed jissuġġerixxu li dawn iż-żewġ proprjetajiet għandhom jiġu maqsuma.*

6. *Illi fir-rigward tal-fondi bin-numri 38 u 39 dawk l-ispejjeż, allegatament urġenti, saru mill-atturi mingħajr ma kienu anqas informaw lill-esponenti jew tawhom l-opportunita li jikkontrollaw ix-xogħol li kellu jsir u li kien qed isir. Jirriżulta infatti li dawn l-ispejjeż saru fuq medda ta' ħames snin. Żgur li jekk kien hemm xi urġenza fl-ewwel sena din ma baqgħetx teżisti għas-snin ta' wara, inoltre billi t-travetti tpoġġew fir-raba' sena l-atturi kellhom biżżejjed ħin jitkellmu mal-intimati u jfittxu stejjem. Illi in oltre l-irċevuti ma jidhirx li huma ffirmati u dik ta' Aldo Farrugia tidher li hi mbagħbsa.*

7. *Inoltre l-intimati kienu għamlu l-ispejjeż tal-funeral u tal-aħħar marda u dawn iridu jiġu konteġġjati fil-qasma, kopja ta' liema hija hawn eżebita.*

3. Rat illi fis-27 ta' Ġunju 2014, fuq talba tar-rikorrenti inħatru l-Perit Marie Louise Caruana Galea u Dr Francine Abela sabiex jirrelataw dwar il-każ, a spejjeż provviżorjament rikorrenti.

4. Rat illi, wara sebgħa u għoxrin seduta quddiem il-Perit Legali kif ukoll tlett aċċessi, fil-15 ta' Novembru 2017, kemm il-Perit Legali Dr Francine Abela (fol 555), kif ukoll il-Perit Tekniku Marie Louise Caruana Galea (fol 579) irrelataw dwar il-każ.

5. Rat illi fl-20 ta' Marzu 2018, ir-rikorrenti għamlu domandi in eskussjoni lill-Perit Legali (fol 615), għal liema domandi l-istess Perit Legali rrispondiet permezz ta' xhieda fit-23 ta' Mejju 2018 (fol 620).

6. Rat ix-xhieda in eskussjoni ulterjuri tal-Perit Legali, mill-intimati, illi saret fid-9 ta' Ottubru 2018 (fol 625) u fit-28 ta' Marzu 2019 (fol 641).

7. Rat id-domandi in eskussjoni ulterjuri, bil-miktub, illi saru mill-intimati fl-20 ta' Diċembru 2018 (fol 629) illi għalihom irrispondiet bil-miktub fl-10 ta' Diċembru 2019 (fol 648).

8. Rat id-domandi in eskussjoni bil-miktub tar-rikorrenti lill-Perit Tekniku illi saru fl-4 ta' Frar 2020 (fol 654) illi għalihom irrispondiet bil-miktub fil-11 ta' Mejju 2020 (fol 672).

9. Rat id-domandi in eskussjoni bil-mitkub ta' l-intimati lill-Perit Tekniku illi saru fl-4 ta' Frar 2020 (fol 656) illi għalihom irrispondiet fil-11 ta' Mejju 2020 (fol 670).

10. Rat id-domandi in eskussjoni ulterjuri bil-miktub tar-rikorrenti li saru fis-6 ta' Lulju 2020 (fol 685), illi għalihom irrispondiet fil-21 ta' Ottubru 2020 (fol 688).

11. Rat illi fid-29 ta' Ottubru 2020, il-partijiet qablu li l-kawża setgħet titħalla għas-sottomissjonijiet finali.

12. Rat is-sottomissjonijiet rikorrenti ppreżentati fis-27 ta' Jannar 2021.

13. Rat is-sottomissjonijiet intimati ppreżentati fit-3 ta' Ġunju 2021.

14. Rat illi fit-3 ta' Ġunju 2021 il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

## Ikkunsidrat

15. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi l-partijiet huma lkoll legalment aħwa, ulied il-mejtin Salvatore Gauci, li miet fit-3 ta' Mejju 1967, u Giuseppa Gauci, illi mietet fl-1 ta' Frar 1996.

16. Jirriżulta illi l-ġenituri tagħhom kellhom xi artijiet u propjeta f'isimhom, illi eventwalment wasslet għal diverġenzi kbar bejn il-partijiet, li skattaw ħafna kawżi bejn il-partijiet, fosthom il-kawża odjerna.

17. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri odjerni, ir-rikorrenti talbu l-likwidazzjoni tal-beni formanti parti mill-assi tal-ġenituri tal-partijiet w id-diviżjoni tagħhom kif ukoll jitħallsu pendenzi eżistenti.

18. Jirriżulta illi dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, qabbdet lill-Perit Legali l-Avukat Dr Fransine Abela, sabiex tirrelata dwar il-pendenzi bejn il-partijiet filwaqt

illi qabbdet lill-Perit Tekniku l-Perit Marie Louise Caruana Galea, sabiex tirrelata dwar il-valur tal-propjeta.

**Assi**

19. Jirriżulta illi l-Perit Legali ikkonstatat is-segwenti dwar l-assi tal-ġenituri tal-partijiet:

**6.1** *B'din il-kawża l-kontendenti qegħdin jitolbu li jiġu likwidati u diviżi 1-beni formanti l-assi ereditarji ta' missierhom.*

**6.2** *Riċerki testamentarji*

*Salvatore Gauci miet fit-3 ta' Mejju 1967 (fol 6). Il-kontendenti qablu li missierhom kien miet intestat u għaldaqstant wirtuh id-9 uliedu b'sehem indaqs: Nazzareno Gauci, Karmena Gauci, Catherine Azzopardi, Mary Baldacchino, Salvina Debono, Rita Sansone, Frans Gauci, Antonia Gauci u Guza Gauci.*

*Il-propjeta' ta' Salvatore Gauci*

*Il-propjeta li Salvatore Gauci li kien jipposjedi flimkien ma' martu, bħala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, skond id-denunzja fid-data tal-mewt tiegħu (1969,) kienet tikkonsisti mis-segwenti-*

**i)** *Terran numru 38 Rose Street Żurrieq;*
**ii)** *Terran numru 39 Rose Street Żurrieq;*
**iii)** *Għalqa msejħa Tal-Ħniena' tal-kejl 1.2 tomna ħdejn il-Qrendi u ż-Żurrieq;*
**iv)** *Għalqa tal-Bajjada Żurrieq*
**v)** *Porzjon mid-dar New Street Bubaqra*

*Propjeta' li kien jipposjedi bħala mill-wirt ta' missieru (beni parafernali):*

**vi)** *Għalqa msejħa 'Ta Frankin' ta' kejl circa 4 tomniet;*

**vii)** *żewġ għelieqi b'titolu ta' qbiela:*

- *l-għalqa bagħli tal-kejl ta' erbat itmiem, imsejħa 'il-Barumbara', fi Qrendi Road, Żurrieq;*
- *l-għalqa tal-kejl ta' tomnejn, siegħ u tlett kejliet, msejħa 'tal-Ġlud' ossija 'tal-Wilġa', fil-limiti taż-Żurrieq.*

*Mill-provi jirriżulta li din l-għalqa Ta' Frankin ġiet diviża u assenjata u għaldaqstant jibqa' biss sehem missierhom mill-kommunjoni.*

**6.3** *Skond il-konvenuti l-uniċi assi komuni bejn il-partijiet huma:*

***a)*** *l-għalqa msejħa 'tal-Bajjada' fil-kuntrada li ġġib l-istess isem fiż-Żurrieq, tal-kejl ta' ċirca 2440.70m.k;*

***b)*** *żewġ fondi bin-numri 38 u 39, f'Rose Street, Żurrieq*

*u jżidu wkoll il-kirjiet fuq:*

***c)*** *Sest indiviż tal-fond numru 127 Triq il-Kbira Żurrieq*
***d)*** *Sehem 1/9 tal-fond nnmru 9 Triq San Pawl Żurrieq*
***e)*** *1/9 tar-Remissa 20 Triq San Pawl Żurrieq.*

20. Jirriżulta illi ż-żewġ egħlieqi illi kienu bi qbiela, ossia "Il-Barumbara" u "tal-Wilġa", ingħaddew permezz ta' skrittura privata datata 23 ta' Settembru 1993, minn omm il-partijiet lil Francis Gauci, u għalhekk dawna ma jistgħux jitqiesu bħala parti mill-artijiet li għandhom jitqiesu minn dina l-Qorti.

21. Jirriżulta illi, dwar l-għalqa msejħa "Tal-Ħniena" kif ukoll il-porzjoni mid-dar ġewwa Bubaqra, Żurrieq, ebda mill-partijiet ma kellhom informazzjoni dwar l-eżistenza ta' tali propjeta u drittijiet illi setgħu kellhom dwarhom.

22. Jirriżulta illi hemm qbil, da parte tar-rikorrenti, illi l-assi in komuni bejn il-partijiet jinkludu wkoll l-assi indikati bħala in komuni mill-intimati, ossija:

a) l-għalqa msejħa 'tal-Bajjada' fil-kuntrada li ġġib l-istess isem fiż-Żurrieq, tal-kejl ta' ċirca 1,085.52.m.k;
b) il-fondi bin-numri 38 u 39, f'Rose Street, Żurrieq
c) Sest indiviż tal-fond numru 127 Triq il-Kbira Żurrieq, li minnu jipperepixxu kirja
d) Sehem 1/9 tal-fond numru 9 Triq San Pawl Żurrieq, li minnu jipperepixxu kirja
e) Sehem 1/9 tar-Remissa 20 Triq San Pawl Żurrieq, li minnu jipperepixxu kirja.

23. Jirriżulta illi r-rikorrent jikkontendu wkoll illi, a differenza ta' dak li jikkontendu l-intimati, fost l-assi illi jridu jinqasmu bejn il-partijiet, hemm ukoll id-Direct Dominju tal-fond 'Mount Carmel', fejn kienet tirrisjedi omm il-partijiet.

24. Jirriżulta, di fatti, illi, permezz ta' kuntratt ta' qasma bejn il-partijiet illi sar fis-27 ta' Ottubru 1978 (fol 21), il-partijiet kollha tal-kawża odjerna kienu ħadu ftit anqas minn nofs l-għalqa, preċiżament 1085.52 metri kwadri, filwaqt illi omm il-partijiet kollha, Giuseppa Gauci ħadet il-kumplament tal-għalqa, ossija tal-kejl ta' 1,355.18 metri kwadri.

25. Jirriżulta illi omm il-partijiet, Giuseppa Gauci, sussegwentement bniet dar fuq l-art illi kienet qasmet, ossija "Mount Carmel", Triq il-Qroll, Żurrieq, liema dar sussegwentement għaddiet b'titolu ta' enfitewsi perpetwa lill-intimati permezz ta' kuntratt datat 13 ta' Awissu 1992 (fol 222).

26. Jirriżulta illi omm il-partijiet, Giuseppa Gauci, għamlet żewġ testmenti, ossija wieħed fl-24 ta' Frar 1986 (fol 9) u ieħor fis-27 ta' Settembru 1993 (fol 12) fejn Giuseppa Gauci ħassret kwalsisi testment eżistenti qabel u ħalliet varji prelegati, fosthom, fit-testment tas-sena 1986, "*prelegat lill-uliedha Josephine, Antonia u Francis aħwa Gauci id-dar iz-Żurrieq, Triq il-Qroll, bla numru desinjata bl-isem "Mount Carmel".*"

27. Jirriżulta, għalhekk, illi l-fond illi tiegħu r-rikorrenti qed jikkontendu illi għandhom id-dirett dominju, kien attwalment mogħti lill-intimati bħala prelegat permezz ta' testment tal-24 ta' Frar 1986.

**Debiti**

28. Jirriżulta illi r-rikorrenti jikkontendu li, mument minnhom, huma kellhom jagħmlu xogħolijiet ta' riparazzjoni fil-bjut tal-fond 38/39, Rose Street, Żurrieq, liema xogħolijiet kienu jammontaw €390.54, u jikkontendu illi l-intimati għandhom iroddulhom lura tali flejjes. L-intimati, da parte tagħhom, qed jikkontestaw tali ammont għajr għas-somma ta' €146.34, li jaqblu illi huwa dovut.

29. Jirriżulta wkoll illi l-intimat Francis Gauci jikkontendi illi huwa ħallas għall-ispejjeż tal-funeral ta' omm il-partijiet, liema spejjeż kienu jammontaw għal €1,954.93, ossija Lm839.54, liema spejjeż għandhom jintraddulu lura.

30. Jirriżulta wkoll illi, fit-testment ta' omm il-partijiet tal-24 ta' Frar 1986, omm il-partijiet kienet qalet hekk:

> *It-testatriċi Giuseppa Gauci għal kull fini tajjeb u għal verita' tal-fatti tiddikkjara li tinsab debitriċi versu l-imsemmija bintha Josephine Gauci fis-somma ta' elf u erba mitt lira (LM1400) u versu bintha Antonia Gauci fis-somma ta' elf u seba mitt lira (LM1700); liema żewġ ammonti ġew minnha ċioe' mit-testatriċi, ivversati biex kompliet id-dar desinjata bl-isem "Mount Carmel" mibnija minnha kif ingħad fil-preċedent l-Ewwel Artikolu.*

31. Jirriżulta illi l-intimati jikkontendu illi dana l-ammont għandu jiġi sopportat mill-partijiet kollha flimkien filwaqt illi r-rikorrenti jikkontendu illi dana l-ammont għandu jiġi sopportat mill-intimati biss peress illi jirrelataw direttament mal-fond 'Mount Carmel' li ġie lilhom mogħti in prelegat.

32. Jirriżulta, finalment, illi r-rikorrenti, partikolarment Carmena Gauci, jikkontendu illi omm il-partijiet kienet ħalliet b'titolu ta' prelegat "*l-użu tal-oġġetti kollha mobbli, kompriżi flus kontanti u oġġetti tad-deheb, li jkun hemm fid-dar tal-abitazzjoni tat-testatriċi fil-mument tal-mewt tagħha mill-għatba il-ġewwa."*

33. Jirriżulta li Carmena Gauci tgħid illi kien hemm "*sett tad-deheb – ġirakoll, ċurkett, par imsielet u ċappetta u labra – li missierhom kien xtara lilha, lil Guza u lill-Katie. Dan id-deheb kienu jilbsuh fil-festa darba fis-sena*", liema deheb Carmena Gauci tgħid illi hija qatt ma saret taf x'sar minnu. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-

intimati jikkontendu li tali deheb qatt ma kien jeżisti. Ebda prova dwar l-eżistenza ta' tali deheb qatt ma nġieb u ma jidhirx illi intuża minn ebda mill-intimati f'xi festa, stante illi l-Qorti tinstab ċerta li r-rikorrenti kienu jgħarrfu b'dan lill-Qorti.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

34. Il-Qorti jidhrilha illi issa għandha tqis kull waħda mill-pretensjonijiet msemmija quddiemha bil-għan illi tagħti direzzjoni dwar id-deċiżjoni finali tagħha.

35. Jibda billi jingħad illi dwar iż-żewġ egħlieqi 'Il-Barumbara" u "Tal-Ġlud/Tal-Wilġa", dawna kienu ta' missier il-partijiet bi qbiela, liema qbiela ingħaddiet lil Frans Gauci minn omm il-partijiet fit-23 ta' Settembru 1993 għall-prezz ta' Lm300 – għalhekk tali artijiet ma jistgħux jiġu kunsidrati minn dina l-Qorti.

36. Jingħad ukoll illi dwar l-għalqa msejħa "Tal-Ħniena" kif ukoll il-porzjoni mid-dar ġewwa Bubaqra, Żurrieq imsemmija fid-denunza ta' missier il-partijiet, ma inġiebet ebda prova dwar l-eżistenza tagħhom – għalhekk tali artijiet ma jistgħux jiġu kkunsidrati minn dina l-Qorti.

- **<u>L-Għalqa tal-Bajjada</u>**

37. Jirriżulta, mill-provi prodotti, fis-27 ta' Ottubru 1978, l-għalqa ġewwa Triq il-Qroll li kellha kejl oriġinali ta' 2,440.70 metri kwadri, inqasmet bejn il-partijiet u l-ommhom, fejn il-partijiet żammew b'mod indiviż bejniethom parti tal-għalqa tal-kejl ta' 1,085.52 metri kwadri, filwaqt illi l-kumplament ingħadda lill-omm il-partijiet, li fuqha bniet dar.

38. Jirriżulta illi d-dar 'Mount Carmel', kienet ingħatat lill-intimati Francis, Antonia u Josephine Gauci b'titolu ta' enfitewsi perpetwa lill-intimati permezz ta' kuntratt datat 13 ta' Awissu 1992. Jirriżulta wkoll illi l-istess propjeta ingħatat b'titolu ta' prelegat lill-istess intimati Francis, Antonia u Josephine Gauci minn omm il-partijiet permezz tat-testment datat 24 ta Frar 1986.

**39. Jirriżulta, għalhekk, illi d-dar 'Mount Carmel' hija llum il-ġurnata propjeta sħiħa tal-intimati lkoll flimkien, u għalhekk ma hemm ebda 'dominju dirett' illi jrid jinbiegħ, a differenza ta' dak mitlub mir-rikorrenti.**

40. Jirriżulta wkoll illi, flimkien mad-dar fuq imsemmija, kien hemm biċċa art ta' 306 metri kwadri, illi ngħatat b'ċens perpetwu lil Francis Gauci fit-3 ta' Novembru 1992.

41. Jirriżulta illi dwar il-biċċa art l-oħra, ossija dik tal-kejl ta' 1,085.52 metri kwadri, dina l-art intużat dejjem mill-intimat Francis Gauci, ta' liema użu huwa ma għadda ebda kumpens lill-partijiet l-oħra.

42. Jirriżulta illi l-intimat Francis Gauci akkwista s-sehem ta' Carmela Gauci ta' 1/9th ta' tali għalqa fis-16 ta' Diċembru 1996. (fol 260)

43. Jirriżulta wkoll illi l-intimat Francis Gauci akkwista s-sehem ta' Antonia Gauci ta' 1/9th ta' tali għalqa fl-14 ta' Frar 1998. (fol 430)

44. Jirriżulta wkoll illi jingħad li Francis Gauci akkwista s-sehem ta' Josephine Gauci ta' 1/9th ta' tali għalqa permezz ta' kuntratt datat 9 ta' Ottubru 1998 – il-Qorti hawnhekk tosserva illi, wara illi l-intimati kienu għalqu l-provi tagħhom, il-konsulenti legali, mingħajr ebda permess tal-Qorti, flimkien mat-taħrika ta' xhieda u domandi in eskussjoni lill-Perit Legali, annettew kopja mhux iffirmata u mhux awtentikata in sostenn ma' tali assersjoni. (fol 632) – din il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi dana kien nuqqas da' parte ta' l-intimati, li dina l-Qorti ser tippenalizza fi stadju tal-ispejjeż.

45. Jirriżulta, għalhekk, li jista' jingħad illi l-intimat Francis Gauci għandu sehem ta' 4 minn disgħa (4/9) tal-għalqa fuq imsemmija tal-kejl ta' 1,085.52 metri kwadri filwaqt illi r-rikorrenti Nazzareno Gauci, Rita Sansone, Salvina Debono, Catherine Azzopardi u Mary Baldacchino għandhom lkoll sehem ta' wieħed minn disgħa (1/9) kull wieħed ta' tali għalqa.

46. Jirriżulta illi l-intimat Francis Gauci, illi huwa l-unika intimat li għandu interess f'tali għalqa, jisħaq illi huwa qabbad lill-Perit Ludovico Micallef sabiex jirrediġi pjanta ta' qasma, u għalhekk talab illi tinqasam kif minnu propost, sabiex huwa jkun jista' jieħu l-biċċa għalqa li tmiss mal-egħlieqi tiegħu, filwaqt illi r-rikorrenti l-oħra, għajr għal Carmela Gauci li kienet biegħet sehma, jieħu l-kumplament.

47. Jirriżulta illi mill-banda l-oħra, r-rikorrent l-oħra, għajr għal Carmela Gauci għar-raġunijiet ġia fuq spjegati, insistew illi l-art kellha tinbiegħ b'mod intjier. Huma insistew ukoll illi l-intimat Francis Gauci kellu jikkumpensahom tal-użu tal-art għal ħafna snin.

48. Il-Qorti tibda billi tirrileva illi jirriżulta minnu illi l-intimat Francis Gauci għamel użu mill-art propjeta tal-partijiet kollha mingħajr ma qatt għadda xi tip ta' kumpens – għalhekk il-Qorti tqis illi Francis Gauci għandu jagħti kumpens, liema kumpens il-Qorti ser tikkunsidra aktar 'il quddiem hija u tqis it-talba ta' Francis Gauci għall-ħlas tal-ispejjeż minnu inkorsi għall-funeral ta' omm il-partijiet.

49. Il-Qorti tosserva illi, dwar l-qasma tal-art, għalkemm hemm pjanta ta' qasma tal-art kif redatta mill-Perit Ludovico Micallef, tali qasma tagħti vantaġġ lill-intimat Francis Gauci a skaptu tar-rikorrenti l-oħra, stante illi huwa qiegħed jingħata vantaġġ fuq il-partijiet l-oħra billi jingħata art preferenzjali għalih.

50. Il-Qorti tirrileva wkoll illi, skond ir-rapport tekniku tal-Perit Marie Louise Caruana Galea (fol 591), tali art, li ġiet stmata fil-valur ta' €900,000, "*ma tistax tiġi komodament diviżibbli f'disgħa porzjonijiet*".

51. **Għalhekk, il-Qorti tiddeċiedi illi l-art tal-kejl ta' 1,085.52 metri kwadri magħufa bħala "Tal-Bajjada" u li tinsab ġewwa Triq il-Qroll, u li hija propjeta tar-rikorrenti Nazzareno Gauci, Rita Sansone, Salvina Debono, Catherine Azzopardi u Mary Baldacchino fi kwota ta' wieħed minn disgħa (1/9) kull wieħed u ta' l-intimat Francis Gauci fi kwota ta' 4 minn disgħa (4/9), ma hijiex komodament diviżibbli u għalhekk għandha tinbiegħ in liċitazzjoni.**

- **<u>Il-fondi 38/39, Rose Street, Żurrieq</u>**

52. Jirriżulta illi ma hemmx kontestazzjoni illi l-ġenituri tal-partijiet kellhom il-fond 38/39, Rose Street, Żurrieq, liema fond, oriġinalment, kien jikkonsisti f'żewġ fondi separati u sussegwentement, mument minnhom, iż-żewġ fondi flimkien u l-intimati flimkien ma' ommhom kienu jgħixu hemm.

53. Jirriżulta illi, mument minnhom, il-fond ma baqax jiġi okkupat u ġie abbandunat tant li kellhom isiru xogħolijiet ta' riparazzjoni da' parte tar-rikorrenti fl-import ta' €390.54, kont li qed jiġi kkontestat mill-intimati, li jgħid li l-kont kellu jkun biss ta' €146.34.

54. Jirriżulta illi, permezz ta' kuntratt datat 14 ta' Frar 1998, l-intimata Antonia Gauci akkwistat mingħand l-intimat Francis Gauci is-sehem tiegħu ta' wieħed minn disgħa f'tali fond, u għalhekk l-intimat Francis Gauci ma għandu ebda sehem f'tali fond.

55. Jirriżulta illi l-intimata Josephine Gauci tikkontendi illi biegħet is-sehem tagħha lil Antonia Gauci, li mill-parti tagħha, tikkonferma tali fatt ukoll – madanakollu, ma ġie eżebit ebda kuntratt li juri tali trasferiment.

56. Jirriżulta illi l-intimata Antonia Gauci, li tikkontendi li għandha sehem ta' tlieta minn disgħa tal-fond, tisħaq illi hija tixtieq illi l-fondi jiġu diviżi kif kienu qabel, sabiex hija tkun tista' tieħu l-fond Nru 38 filwaqt illi r-rikorrenti jkunu jistgħu jieħdu l-fond Nru 39.

57. Jirriżulta illi kemm il-Perit Legali u l-Perit Tekniku jikkontendu illi dana huwa possibbli w l-fond 38 huwa faċilment diviżibbli mill-fond 39.

58. Jirriżulta iżda, kif stqarret l-istess Perit Tekniku fid-domandi in eskussjoni, illi l-fondi 38 u 39, għalkemm preżentement fond wieħed, jistgħu jinqasmu f'żewġ fondi iżda ma humiex possibbli li jiġu diviżi f'disgħa porzjonjijiet (fol 673).

59. Jirriżulta wkoll illi l-istess Perit Teniku kkonfermat illi "*peress li kejl tal-propjeta hi ta' 132.7 metri kwadri u għaldaqstant għandha footprint limitat u mhux meqjus bħala propjeta kbira, il-propjeta ġġib prezz aktar vantaġġjuż jekk tinbiegħ bħala propjeta waħda.*" (fol 674).

60. Il-Qorti taqbel ma' tali assersjoni, u tosserva illi kieku kellha tippermetti li l-fond 38 jiġi separat mill-fond 39, kif propost mill-Perit Legali, l-intimata Antonia Gauci,

li allegatament għandha sehem ta' tlieta minn disgħa tal-fond, tingħata vantaġġ preferenzjali illi jkun ta' ħsara lir-rikorrenti li għandhom ukoll sehem tal-propjeta.

61. Il-Qorti tosserva wkoll illi f'każ li l-fondi 38 u 39 jitqiesu bħala fond wieħed, certament il-fond fl-intjier tiegħu jġib prezz aktar vantaġġjuż għar-rikorrent bħala propretarji ta' sitta minn disgħa tal-fond milli kieku jinqasam, kif suġġerit minn Antonia Gauci.

**62. Għalhekk, il-Qorti tiddeċiedi illi l-propjeta 38 u 39, Rose Street, Żurrieq għandhom jitqiesu bħala propjeta waħda intjiera u ma hijiex komodament diviżibbli u għalhekk għandha tinbiegħ in liċitazzjoni, b'kull parti tingħata s-sehem tagħha.**

63. Il-Qorti tirrileva wkoll illi r-rikorrent jikkontendu illi huma inkorrew spejjeż fl-ammont ta' €390.54 f'xogħolijiet fis-saqaf, kont li qed jiġi kkontestat mill-intimati, li jgħid li l-kont kellu jkun biss ta' €146.34. Il-Qorti, madanakollu, ma għandha ebda dubju illi l-flejjes indikati mir-rikorrenti, u attwalment imħallsa minn Carmela Gauci (fol 36 sa 41), huma lkoll dovuti, w il-Qorti tqis li **tali flejjes ammontanti għal €390.54 għandhom jintraddew lura mill-intimata Antonia Gauci, illi tikkontendi li għandha sehem ta' tlieta minn disgħa ta' tali fond – dawna l-ispejjeż għandhom jitnaqqsu mis-sehem ta' Antonia Gauci wara l-bejgħ tal-fond fuq imsemmi u għandhom jingħaddew lil Carmela Gauci**.

- **<u>Kirijiet tal-fondi 9 u 24, Triq San Pawl, Żurrieq</u>**

64. Jirriżulta illi, fost il-provi prodotti mill-partijiet, saret referenza għall-kirjiet illi l-istess partijiet wirtu, fosthom sehem ta' wieħed minn disgħa tal-fond 9 u 24, Triq San Pawl, Żurrieq.

65. Jirriżulta, mid-dokumentazzjoni eżebita, illi tali propjeta jirriżultaw illi ntirtu mill-partijiet mingħand Alphonse Gauci, ziju ta' Salvatore Gauci, u dana kif jidher mit-testment datat 30 ta' Settembru 1975 (fol 175).

66. Jirriżulta lil dina l-Qorti illi l-bażi tal-azzjoni, kif redatta, hija "*l-likwidazzjoni u firmazzjoni, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, tal-beni formanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-imsemmija Salvatore u Giuseppa, konjuġi Gauci, kif ukoll ta' dawk formanti l-assijiet partikolari tagħhom"*

67. Jirriżulta illi tali kirjiet qatt ma kienu jiffurmaw parti mill-assi la ta' Salvatore Gauci u wisq anqas ta' Giuseppa Gauci, stante illi huma l-partijiet kollha tal-każ odjern illi ġew nominati eredi ta' Alponse Gauci.

**68. Għalhekk, it-talba għad-diviżjoni ta' dawna ż-żewġ kirjiet ma tistax tiġi kkunsidrata minn dina l-Qorti, stante illi ma tifformax parti mill-azzjoni mibdija mir-rikorrenti, peress illi huma talbu l-likwidazzjoni u diviżjoni tal-assi tal-ġenituri tagħhom, u xejn aktar.**

- **<u>Kirjiet tal-fond 127, Triq il-Kbira, Żurrieq</u>**

69. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi l-partijiet lkoll flimkien wirtu mingħand ommhom "*sest (1/6) indiviż tal-fond numru mija u sebgħa u għoxrin (127), Main Street, Żurrieq*" (fol 33).

70. Jirriżulta illi, permezz ta' testment illi sar fit-23 ta' Settembru 1993, omm il-partijiet, Giuseppa Gauci, ordnat illi "*l-kirjiet li hija ddaħħal mill-propjeta parafernali tagħha għandhom jiġu kkonvertiti f'quddies .... u dan għal perjodu ta' ħamsa u għoxrin sena mill-mewt tagħha.*"

71. Jirriżulta illi, permezz ta' l-istess testment, l-istess Giuseppa Gauci ħalliet "*b'titolu ta' legat konsegwibbli wara l-imsemmija ħamsa u għoxrin sena mill-mewt tagħha, l-imsemmija renti u kirjiet lill-uliedha Francis, Josephine xebba u Antonia xebba fi kwoti indaqs bejniethom.*"

72. Jirriżulta, għalhekk, illi filwaqt li l-kirjiet ġew assenjati lill-intimati, l-propjeta ta' tali sehem baqa' tal-aħwa kollha, ossija l-partijiet kollha, u għalhekk jenħtieġ illi jiġi diviż bejniethom.

73. Jirriżulta illi tali sehem, ossija ta' sest indiviż, ma huwiex faċilment diviżibbli fid-disgħa ishma tal-partijiet, u għalhekk jenħtieġ illi tali sehem ta' sest indiviż jinbiegħ.

74. **Għalhekk, il-Qorti tiddeċiedi illi s-sehem ta' sest indiviż tal-propjeta 127, Triq il-Kbira, Żurrieq ma hijiex komodament diviżibbli u għalhekk għandha tinbiegħ in liċitazzjoni, b'kull parti tingħata s-sehem tagħha.**

- **<u>Spejjeż tal-funeral ta' omm il-partijiet</u>**

75. Jirriżulta illi, fid-difiża tiegħu, l-intimat Francis Gauci saħaq illi huwa kien ħallas għall-ispejjeż kollha tal-funeral ta' omm il-partijiet, meta dina mietet fl-1 ta Frar 1996, liema spejjeż kienu jammontaw għal €1,954.93, u talab fl-eċċezzjonijiet tiegħu illi jitħallas.

76. Jirriżulta, madanakollu, illi ma saret ebda kontro talba da parte ta' l-intimat Francis Gauci għall- ħlas ta' tali ammont.

77. Jirriżulta, kif ġia indikat aktar il-fuq f'paragrafu 48, illi l-intimat għamel użu mill-art magħrufa bħala Tal-Bajjada li kienet in komuni bejn il-partijiet kollha għal ħafna snin mingħajr ma jħallas ebda tip ta' kumpens.

78. Jirriżulta wkoll illi tali kumpens ma ġie imkien ikkwantifikat minn ebda mill-partijiet.

79. Jirriżulta, madanakollu, illi huwa ġust u ekwu li s-somma pretiża mill-intimat Francis Gauci għall-ispejjeż tal-funeral ta' omm ir-rikorrent titqies bħala ekwivalenti għall-kumpens illi huwa dovut minnu lill-partijiet kollha għall-użu da' parte tiegħu tal-art fuq imsemmija.

**80. Għalhekk, il-Qorti tiddeċiedi illi l-intimat Francis Gauci għandu jikkompensa lir-rikorrenti għall-użu tal-għalqa tal-Bajjada mingħajr ebda kumpens billi jerfa' l-ispejjeż tal-funeral ta' omm il-partijiet kollha huwa waħdu, a saldu tal-kumpens dovut lir-rikorrent.**

- **Id-dejn ta' Josephine Gauci u Antonia Gauci versu l-eredita ta' ommhom**

81. Jirriżulta illi, waqt l-andament tal-proċess odjern, illi ħa aktar minn sebgħa snin, l-intimati Antonia Gauci u Josephine Gauci għamlu referenza għal dak iddikjarat minn omm il-partijiet fit-testment tagħha datat l-24 ta' Frar 1986 fejn, inter alia, tħallietilhom bħala prelegat flimkien mal-intimat l-ieħor Francis Gauci, il-fond 'Mount Carmel', u qalu li huma għandhom kreditu kontra l-eredita ta' ommhom illi jrid jiġi saldat.

82. Jirriżulta, di fatti, illi fit-"Tieni Artikolu" tat-testment fuq imsemmi, Giuseppa Gauci tgħid is-segwenti:

> *It-testatriċi Giuseppa Gauci għal kull fini tajjeb u għal verita' tal-fatti tiddikkjara li tinsab debitriċi versu l-imsemmija bintha Josephine Gauci fis-somma ta' elf u erba mitt lira (LM1400) u versu bintha Antonia Gauci fis-somma ta' elf u seba mitt lira (LM1700) liema żewġ ammonti ġew minnha ċioe' mit-testatriċi, ivversati biex kompliet id-dar destinjata bl-isem "Mount Carmel" mibnija minnha kif ingħad fil-preċedenti l-Ewwel Artikolu,*

83. Jirriżulta illi l-intimati ikkontendew, fis-sottomissjonijiet tagħhom, illi tali somma għandha tiġi lilhom rifuża f'ishma ugwali bejn il-partijiet kollha. Madanakollu, fl-eċċezzjonijiet tagħhom, ma għamlu ebda referenza għal tali somom u wisq anqas ma saret kontro talba għall-ħlas ta' tali somom kif minnhom pretiż.

84. Jirriżulta illi r-rikorrenti, da parte tagħhom, joġġezzjonaw għall-ħlas ta' tali somma stante illi jinsistu li tali flejjes huma in konnessjoni mad-dar li eventwalment ingħatat lilhom, u semmai kellhom iduru fuq Francis Gauci, illi wiret il-post flimkien magħhom.

85. Il-Qorti tibda billi tosserva illi jidher ċar li dak dikjarat mit-testatriċi Giuseppa Gauci huwa konness mal-għotija lill-istess Antonia u Josephine Gauci tad-dar 'Mount Carmel", tant illi f'tali dikjarazzjoni hemm il-kliem "*għal kull fini tajjeb u għal vertia tal-fatti*" u, aktar u aktar, "*kif ġia ingħad fil-preċedenti l-Ewwel Artikolu*".

86. Jirriżulta illi f' "L-Ewwel Artikolu", li għalih ssir referenza diretta f'tali dikjarazzjoni, il-fond 'Mount Carmel" qiegħed jingħata "*b'titolu ta' prelegat lill-uliedha Josephine, Antonia u Francis aħwa Gauci*".

87. Il-Qorti, għalhekk, ma għandha ebda dubju illi r-referenza li saret fit-Tieni Arikolu tat-testment hija indikazzjoni ċara li tali fatt kien qiegħed jissemma' bħala raġuni 'l għaliex eventwalment il-fond kien qiegħed jingħata lil Josephine u Antonia Gauci, a differenza tal-aħwa l-oħra Rita u Carmela Gauci illi kienu qed jingħataw biss id-dritt illi jgħixu ġewwa fih "*sakemm dawna ma jgħaddux għaż-żwieġ*". Huwa ċar, għalhekk, illi tali kreditu huwa relatat direttament mal-fond "Mount Carmel" u għandu jinqasam mas-sidien ta' tali post biss.

**88. Għalhekk, tali kreditu ta' l-intimati Josephine u Antonia Gauci ma jistax jiġi eżerċitat kontra l-eredi kollha tal-mejta Giuseppa Gauci, ossija l-partijiet kollha fil-kawża odjerna, iżda semmai għandu jiġi eżerċitat biss fil-konfront ta' ħuhom Francis Gauci, intimat fil-proċeduri odjerni, li flimkien magħhom wiret il-fond "Mount Carmel", w ir-rikorrent ma jistgħux jintalbu jħallsu għas-sehem tagħhom minn tali self.**

- **Spejjeż tal-proċeduri Ċitazzjoni Nru 2596/96 – Nazzareno Gauci et vs Francis Gauci et**

89. Jirriżulta illi, fl-ewwel difiża mqajjma mill-intimati, huma jikkontendu illi r-rikorrenti Nazzareno Gauci u Rita Sansone kienu ġia intavolaw proċeduri simili kontra tagħhom, ossija Ċitazzjoni Nru 2596/96, liema proċeduri eventwalment l-istess Nazzareno Gauci u Rita Sansone kienu ċedew – għalhekk l-intimati jikkontendu illi l-istess Nazzareno Gauci u Rita Sansone għandhom iħallsu għall-ispejjeż. Madanakollu, kontro talba f'dana is-sens ma saritx.

90. Jirriżulta illi r-rikorrenti ma jaqblux ma tali asserzjoni.

91. Il-Qorti tibda billi tirrileva illi kopja informali tar-rikors promotur tal-proċeduri Ċitazzjoni Nru 2596/96, fuq imsemmija, ġiet eżebita mill-intimat, a fol 372 tal-proċess.

92. Jirriżulta illi l-proċeduri imsemmija mill-intimat, filwaqt illi jinkludu wkoll talbiet simili għal dawk meritu tal-kawża odjerna, huma bbażati fuq azzjoni differenti minn dik odjerna, ossija illi l-intimati f'dawk il-proċeduri jiġu inibiti milli jipproċedu bil-qasma.

93. Jirriżulta, fil-proċeduri odjerni, illi attwalment it-talba tar-rikorrenti, inkluż Nazzareno Gauci u Rita Sansone, huwa attwalment totalment l-oppost, ossija illi **sseħħ** il-qasma bejn il-partijiet.

94. Jirriżulta wkoll, kif ammess mill-intimat stess, illi l-proċeduri fuq imsemmija ġew attwalment ċeduti minn Nazzareno Gauci u Rita Sansone, u għalhekk dak pprovdut fl-Artikolu 199 tal-Kap 12 ma japplikax fil-każ odjern.

95. **Għalhekk, il-Qorti tqis illi d-difiża mqajjma mill-intimati li r-rikorrenti Nazzareno Gauci u Rita Sansone jridu jħallsu l-ispejjeż tal-kawża fuq imsemmija "qabel ma jistgħu jipproċedu bil-kawża odjerna", ma timmeritax illi tiġi akkolta.**

- **Res Ġudikata in vista tas-sentenza datata 29 ta' Ottubru 2009 Ċitazz Nru 2480/96 – Nazzareno Gauci et vs Francis Gauci et**

96. Jirriżulta illi l-intimati eċċepew ir-reż ġudikata fil-proċeduri odjerni stante illi Nazzareno Gauci u Rita Sansone kienu ġia ittentaw proċeduri biex iħassru skritturi tat-23 ta' Settembru 1993 u 3 ta' Novembru 1992, liema talba kienet ġiet lilhom miċħuda u ma sar ebda appell minnu.

97. Il-Qorti tosserva illi l-intimati, tul l-aktar minn sebgħa snin jillitigaw quddiem dina l-Qorti, ippreżentaw volum sħiħ ta' dokumentazzjoni, iżda ma kinux kapaċi jippreżentaw kopja ta' dina s-sentenza illi kienet għalihom tant importanti li jsemmuha fl-eċċezzjonijiet tagħhom – dana in-nuqqas ser jiġi rifless fl-ispejjeż.

98. Il-Qorti tosserva wkoll illi l-proċeduri fuq imsemmija, ossija 2480/96, kienu mibdija minn Nazzareno Gauci u Rita Sansone sabiex jannullaw żewġ kuntratti: wieħed tat-23 ta' Settembru 1993, illi bih ommhom ittrasferiet il-qbiela tal-artijiet magħrufa bħala "Il-Barumbara" kif ukoll "Tal-Ġlud" magħrufa wkoll bħala "Tal-Wilġa", lill-intimat Francis Gauci; u ieħor tat-3 ta' Novembru 1992 illi bih ommhom ikkonċediet ċens perpetwu lil Francis Gauci ta' porzjoni ta' art ta' 306 metri kwadri formanti parti mill-għalqa msejjħa "Tal-Bajjada".

99. Jirriżulta illi, għalkemm r-rikorrenti Nazzareno Gauci u Rita Sansone ippruvaw jikkontendu li "*Francis Gauci b'kollużjoni u ftehim ma' ommu Giuseppa Gauci u wħud minn ħutu, konvenuti f'din l-istanza, għamel minn kollox biex jiddefrawda lill-atturi mid-drittijiet tagħhom u għalhekk saru, fost kuntratti u aġir ieħor, iż-żewġ kuntratti hawn fuq deskritti*", il-Qorti ma laqgħetx it-talba tagħhom, w is-sentenza saret 'res udikata' stante illi ma sarx appell minnha.

100. Jirriżulta, mill-atti tal-proċeduri odjerni, illi l-qbiela tal-artijiet magħrufa bħala "Il-Barumbara" u "Tal-Ġlud" magħrufa wkoll bħala "Tal-Wilġa", kif ukoll ċens perpetwu lil Francis Gauci ta' porzjoni ta' art ta' 306 metri kwadri formanti parti mill-għalqa msejjħa "Tal-Bajjada" ma kinux parti mill-propjetajiet meqjusa mir-rikorrenti, u għalhekk lanqas biss ġew ikkunsidrati minn dina l-Qorti.

101. **Jirriżulta, għalhekk, illi tali difiża ma timmeritax illi tintlaqa' favorevolment.**

- **<u>Deheb</u>**

102. Jirriżulta illi r-rikorrenti Carmela Gauci tikkontendi illi, a tenur tat-testment ta' ommha tal-24 ta' Frar 1996, hija ngħatat id-dritt tal-użu tad-deheb illi kien hemm fid-dar ta' ommha flimkien ma' ħutha l-intimati.

103. Jirriżulta illi, fix-xhieda tagħha, hija tikkontendi illi kien hemm "*sett tad-deheb – ġirakoll, ċurkett, par imsielet u ċappetta u labra – li missierhom kien xtara lilha, lil Guza u lil Katie. Dan id-deheb kienu jilbsuh fil-festa darba fis-sena*", liema deheb Carmena Gauci tgħid illi hija qatt ma saret taf x'sar minnu.

104. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimati jikkontendu li tali deheb qatt ma kien jeżisti. Ebda prova dwar l-eżistenza ta' tali deheb qatt ma nġieb u ma jidhirx illi ntuża minn ebda mill-intimati f'xi festa, stante illi l-Qorti tinstab ċerta li r-rikorrenti kienu jagħrfu b'dan lill-Qorti.

105. Jirriżulta illi, fin-nuqqas ta' prova dwar l-eżistenza tad-deheb, il-Qorti ma hijiex f'posizzjoni tikkunsidra favorevolment it-talba rikorrenti biex l-oġġetti tad-deheb jinqasmu f'ishma indaqs bejn il-partijiet, stante illi biex isir dan, l-ewwel irid jiġi stabbilit l-eżistenza attwali ta' tali dehebijiet, liema eżistenza qatt ma ġiet ippruvata kif trid il-Liġi.

**106. Għalhekk, il-Qorti ma tistax tikkunsidra favorevolment it-talba tar-rikorrenti għal dak li jirrigwarda d-deheb.**

## Konklużjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumentazzjoni u xhieda ppreżentati;

Wara illi rat ir-rapport tal-abbli Perit Legali Dr Fransine Abela u tal-abbli Perit Tekniku Marie Louise Caruana Galea;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza bejn il-partijiet billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimati.

**Tilqa'** l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara illi l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-ġenturi tal-partijiet, ossija Salvatore u Giuseppa konjuġi Gauci u li għadhom mhux diviżi huma s-segwenti:

a. l-art tal-kejl ta' 1,085.52 metri kwadri magħrufa bħala "Tal-Bajjada" u li tinstab ġewwa Triq il-Qroll, Żurrieq;
b. Il-fondi 38/39, Rose Street, Żurrieq, li għandu jitqies bħala fond wieħed;

c. Sest indiviż tal-fond 127, Triq il-Kbira, Żurrieq.

**Tiddikjara** illi tali beni ma humiex komodament diviżibbli bejn il-partijiet, u għalhekk;

**Tiċħad** t-tieni talba, għajr għal dak illi jirrigwarda t-talba għall-ħlas ta' l-ispejjeż relatati mat-tiswijiet tal-fond 38/39, Rose Street, Żurrieq, u

**Tordna** illi l-ispejjeż ta' €390.54 inkorsi minn Carmela Gauci fuq il-fond 38/39, Rose Street, Żurrieq, għandhom jintraddew lura mill-intimata Antonia Gauci, illi tikkontendi li għandha sehem ta' tlieta minn disgħa ta' tali fond.

**Tiċħad** it-tielet u r-raba' talba tar-rikorrenti peress illi l-assi ma humiex komodament diviżibbli.

**Tilqa'** l-ħames talba u għalhekk;

**Tordna l-bejgħ in liċitazzjoni tal-imsemmija assi:**

a. L-art tal-kejl ta' 1,085.52 metri kwadri magħrufa bħala "Tal-Bajjada" u li tinstab ġewwa Triq il-Qroll, Żurrieq;

b. Il-fondi 38/39, Rose Street, Żurrieq, li għandu jitqies bħala fond wieħed;

c. Sest indiviż tal-fond 127, Triq il-Kbira, Żurrieq.

fejn l-istimi redatti mill-abbli Perit Tekniku Marie Louise Caruana Galea fil-proċeduri odjerni għandhom japplikaw, sakemm dawna l-proċeduri ta' bejgħ in liċitazzjoni jinbdew sa mhux aktar tard minn tnax-il xahar mid-data tas-sentenza.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni jkunu kollha a kariku ta' l-intimati in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**